MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## REFALO JOSEPH S.

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 882/2002/1

**Jack Serra Limited bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera CPL Aromas ta' Brixworth Northampton, l-Ingilterra**

**vs**

**Euro Chemie Products Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 t'April, 2002 fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u tmienja u tmenin lira Maltija u tmien centezmu (Lm788.08), u fejn intqal illi s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lis-socjeta` attrici Jack Serra Limited fil-kwalita` taghha bhala Agent tas-socjeta` estera CPL Aromas, is-somma ta' elf mija u disghin lira sterlina (1,190Str) ossija ammont ekwivalenti ghal seba' mija u tmienja u tmenin lira Maltija u tmien centezmu (Lm788.08), rapprezentanti prezz ta' fwejjah mibjugha u**

**kkonsenjati lis-socjeta` konvenuta skond invoice No. 042242 ta' l-14 t'Awissu, 2000, oltre l-imghax;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tas-7 ta' Settembru, 2001, u bl-imghax legali mill-14 t'Awissu, 2000 sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra r-risposta prezentata mis-socjeta` konvenuta fit-23 ta' Mejju, 2002, fejn intqal:**
**i. illi s-socjeta` konvenuta m'ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` Jack Serra Ltd.;**
**ii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` konvenuta ma ghandha taghti ebda flus lis-socjeta` estera "CPL Aromas";**
**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Edgar Urpani.**

**Ra n-nota prezentata mis-socjeta` konvenuta fil-21 ta' Novembru, 2002, li biha ammettiet t-talbiet attrici kif dedotti fl-avviz.**

**Ghaldaqstant fuq ammissjoni t-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' seba' mija u tmienja u tmenin lira Maltija u tmien centezmu (Lm788.08), bl-imghax legali mill-14 t'Awissu, 2000 sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tas-7 ta' Settembru, 2001, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**